**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)**

**Kumpilazzjoni Nru. 413/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur John Spiteri**

**Spettur Joseph Xerri)**

vs

**Abdulaziz Zamzam**

Illum, 29 ta' April, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra Abdulaziz Zamzam, ta' 26 sena, bin Mohammed u Sarih xebba Shlibeit, imwieled il-Libja, nhar it-22 ta' Frar, 1993, residenti ġewwa fond mhux magħruf fil-Gzira, Malta u detentur tal-Police Number 18N-102 u Ref Comm Number 24699/18, li permezz tagħha ġie akkużat talli:

*"…f'dawn il-Gzejjer u/jew f'Hugo's Boutique Hotel, Triq San Gorg, San Giljan nhar is-7 ta' Lulju, 2019 f'xi hin bejn 02:00hrs u 06:00hrs;*

1. *Minghajr kunsens, ikkommetta kongungiment karnali, jigifieri penetrazzjoni vaginali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-gisem u, jew oggett jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali ta' gisem OMISSIS detentur tal-XXXXX, liema att sehh fuq persuna li ma setghetx tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh, jew ghal-raguni ohra indipendenti mill-eghmil tal-hati;*
   *Art.198(1), Art. 198(3), 201(b), ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Ikkommetta att ta' natura sesswali minghar kunsens fuq il-persuna ta' OMISSIS detentur tal-XXXXX.*
   *Art. 207 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. *U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil OMISSIS detentur tal-XXXXX.*
   *Art 86 ta' Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. *U aktar talli fl-istess data, u fix-xhur ta' qabel bl-imgieba tiegu ikkaguna lil OMISSIS detentur tal-XXXXX il-biza li li ser tintuza vjolenza kontrijha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 (1) ta' Kap 9.*
   *Art 251B (1) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

5. *Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed l-ħajja ta' OMISSIS detentur tal-XXXXX f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħha, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa skond kif iccertifika Dr. Carina Debattista MD; Artikoli 214, 215 u 221 (1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal vittma OMISSIS detentur tal-XXXXX u l-familjari taghha*

*Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidhrilha xierqa.*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu. 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, filwaqt li qed nesebixxu dokument tal-identita' u l-fedina penali tal-imsemmi Abdulaziz Zamzam, nitlob li dan il-kaz jigi investigat skond il-ligi."*

Rat id-dokumenti ppreżentati;

Rat ir-rapporti kollha ppreżentati;

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li l-Qorti kkonfermat għal kull buon fini, il-ħatra tal-esperti kollha li ġew maħtura fl-atti tal-inkjesta maġisterjali, miftuħa in konnessjoni ma' dan il-każ;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021), fejn talab li tinstab ħtija taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-Artikolu 198(1), 198(3) u 201(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 251B(1)tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikolu 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-Artikolu 17, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2021, l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni biex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Semgħet trattazzjoni finali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

**Ikkunsidrat:**

**Provi Prodotti**

Fl-istqarrija rilaxxata nhar it-8 ta' Lulju, 2019, l-imputat **Abdulaziz Zamzam** spjega li kien ilu Malta minn Ottubru 2018. Kompla li fis-6 ta' Lulju, 2019, huwa kien xogħol, mar lura d-dar għall-ħabta tal- 5pm, mar jieħu kafè u wara mar San Ġiljan għall-ħabta tal-10:30pm - 11:00pm. Qal li huwa mar jixrob il-birra u wara mar Havana, fejn iltaqa ma' tfalja u bdew jiżfnu flimkien. Qal li din stiednitu jmur fil-lukanda u marru bil-mixi għax kienet viċin. Qal li peress li ma tantx kien jifhem bl-Ingliż, ma fehemx x'kien isem din it-tfajla, li kienet fis-sakra. Kompla jgħid li din qabditlu idejh u ħarġitu 'l barra, filwaqt li qaltlu biex imorru fil-lukanda. L-imputat spjega li ħarġu minn Havana għall-ħabta tas-2:00am (tas-7 ta' Lulju, 2019) u marru fil-lukanda, fejn it-tfajla neżgħet il-ħwejjeġ, waddbitu fuq is-sodda u bdiet tbusu. Qal li dak il-ħin, din it-tfajla ċemplet lir-Reception u ordnat flixkun inbid, li xorbuh it-tnejn li huma. Huwa saħaq li kellhom x'jaqsmu flimkien u li hi ma waqqfitu fl-ebda punt, filwaqt li kompla li t-tnejn li huma ħadu pjaċir, anżi li hi ħadet pjaċir iktar minnu, għax hi riedet li jkollha x'taqsam miegħu. Xehed li huwa nduna li kienet fis-sakra minn Havana. Spjega li s-sess sar fuq is-sodda u li t-tnejn li huma daħlu fil-jacuzzi.

Qal li huwa mar lura d-dar għall-ħabta tas-6:00am, filwaqt li saħaq li hija kienet għadha mqajjma u li fehemha tgħidlu il-kelma 'tomorrow'. Qal li huwa fehmha li riedet li jerġgħu jiltaqgħu l-għada. Zamzam saħaq li m'għamel xejn ħażin u li ma kienx vjolenti waqt is-sess. Qal ukoll li dakinhar kien liebes l-istess hwejjeg li kellu fuqu waqt dik l-interrogazzjoni. Spjega li meta ħareġ mill-kamra, huwa qal li kellu beritta u nuċċali tax-xemx, u kien niżel mill-kamra bil-lift, permezz tal-*card* li kien ħadha mingħand it-tfajla, mingħajr ma talabha permess. Żied li ma setgħetx tniżżlu hi għax kienet fis-sakra u ċaħad li bdiet tibki u twerżaq. Kompla jgħid li hu kien fis-sakra wkoll, u li ma kien ra l-ebda ġrieħi fuq it-tfajla. Madanakollu huwa kwalifika li ma kienx fis-sakra totalment u baqa jiftakar kollox. Meta mistoqsi dwar il-ġrieħi li kellu f'wiċċu, huwa qal li l-ġurnata ta' qabel, huwa kien mar Kemuna fl-4:30pm, u meta tela' mill-ilma, żelaq u ħabat wiċċu ma' xi ġebla u giref ukoll saqajh il-leminija. Qal li ma kienx jaf minn fejn ġew il-grif ta' għonqu. Meta mistoqsi mill-Ispettur jekk il-grif kinitx għamlitomlu t-tfajla, waqt li hu beda jorbotha u hi bdiet twaqqfu, Zamzam ċaħad, filwaqt li kompla jgħid li eġakula dejjem fit-*toilet* u li kellu x'jaqsam

magħha tliet darbiet u qatt ġo ħalqha. Saħaq li ma jafx x'*mobile* għandha u li ma kinux taw in-numru tal-*mobile* lil xulxin. Qal ukoll li ħin minnhom, kien f'idejha u waqt li kien qiegħed ipoġġi l-*mobile* fuq il-mejda ħdejn il-jacuzzi, kif talbitu, ħabbat il-bieb biex tawhom l-inbid li kien ordnat, u waqqgħu. Xehed li meta ġabulhom l-inbid, it-tfajla kienet għarwiena, kellha biss in-naħa ta' fuq tal-bikini u ċaħad li kien waddbilha il-*mobile* waqt li kienet se tipprova ċċempel għall-għajnuna.

Waqt it-tieni stqarrija li saret fl-istess ġurnata, l-imputat ġie mistosqi fuq ir-*recordings/videos* li fihom il-vittma tidher marbuta, iżda l-imputat ma weġibx u qal li ma jaf xejn fuq il-grif, filwaqt li ċaħad li huwa rabtilha jdejha. Ulterjorament, huwa ċaħad li ħa l-*video* u meta mistoqsi għaliex ħa l-*video* qal ma jafx, iżda innega li huwa qassam il-*video/recording* ma' xi ħadd u/jew mal-vittma. Mistoqsi għaliex kien poġġa imħadda mal-bieb meta mar biex joħroġ mill-kamra, huwa qal li kien fis-sakra u ma jafx x'kien ġara. Ulterjorament u mistoqsi jekk rabatx idejn il-vittma waqt l-att sesswali, u jekk ħallomlhiex qabel ma telaq, huwa qal li ma jiftakarx. Wisq anqas ma ftakar għaliex ma ħallilhiex idejha. Għal kull mistoqsija, baqa' jwieġeb li ma jafx u li ma jiftakarx. B'referenza għall-ġrieħi f'wiċċu u anke f'għonqu, qal li ma kienx jaf jekk il-ġrieħi għamlithomlux it-tfajla, għax kien fis-sakra. Lanqas ma seta' jiftakar jekk il-grif saru mit-tfajla għax riditu jieqaf, peress li kien fis-sakra, tant li ma jafx minn fejn ġie l-grif u li nduna bih meta ġie arrestat, filwaqt li nsista li l-grif fuq wiċċu ġew għaliex waqa' għal wiċċu Kemuna, però kellu grif ma' dahru, li ma kienx jaf bihom.

L-imputat spjega li fil-bidu, is-sess kien normali u li meta rabtilha jdejha, huwa kien fis-sakra, filwaqt li rrisponda li ma jafx jekk talbitux biex jorbotilha idejha, u ddikjara li jiddispjaċih ta' dak li għamel. Huwa ma ftakarx li ħa l-video, li qatt ma kien rah, iżda rah l-ewwel darba mal-Ispettur, filwaqt li ammetta li huwa ħa l-*video* għax il-*mobile* kien tiegħu, iżda ma kienx f'idejh waqt li kien qiegħed jiġbed il-*video*. Zamzam ċaħad li qatt kien rabat lil xi tfajla oħra waqt is-sess, u ddikjara li ma jafx għalfejn għamel li għamel, li kien fis-sakra u li tilef il-kontroll, filwaqt li kompla jispjega li kieku ma kienx fis-sakra, ma kienx se jorbotha. Huwa xehed li kienet għaddhietlu s-sakra wara li mar id-dar u raqad, u meta mistoqsi kif baqa' jimxi normali u dritt, spjega li meta jisker, xorta jibqa' jimxi dritt.

Ma ftakarx jekk kienx ħalliha b'ħalqha marbut jew le. Qal li huwa ma jaf xejn fuq il-*video*. Huwa ma ftakarx kemm-il darba kellu x'jaqsam magħha, iżda wara qal li jista' jkun tliet darbiet, jista' jkun erba' darbiet u jista' jkun darbtejn, għax kien fis-sakra u

ma ftakarx. Huwa qal li ma baqax rieqed magħha għax ma kienx jafha. Huwa sostna li ddispjaċih ħafna għal dak li ra fil-*video*.

**OMISSIS** xehdet nhar id-9 ta' Lulju, 2019, fejn stqarret li hija waslet Malta fl-4 ta' Lulju, 2019, permezz tal-*yacht* li kienet taħdem fuqu u qattgħet l-ewwel lejl fuq il-*yacht*. Fil-5 ta' Lulju, 2019, hija marret toqgħod f'Hugo's Boutique Hotel ġewwa San Ġiljan, fejn hemm kellha tqatta' tlett iljieli, però telqet qabel għaliex ma kinitx qiegħda tħossha sigura, senjatament għaliex meta qamet, sabet lilha nnifisha marbuta mal-art. Xehdet li xi fattigi sabuha mal-art u ċemplu lill-Pulizija, u kien f'dak il-ħin li bdiet tiftakar x'ġara, u ċioè li hija kienet stiednet raġel ġewwa l-kamra tagħha għal xi tlieta ta' filgħodu tal-Ħadd, 7 ta' Lulju, 2019.

Spjegat li s-Sibt, 6 ta' Lulju, 2019, matul il-ġurnata, hija kienet marret tgħum fil-*pool* tal-lukanda u wara reġgħet marret fil-kamra tagħha, ċemplet lill-ġenituri tagħha, marret tixrob xi ħaġa mir-Reception u wara marret il-Casino biex tiltaqa ma' sħabha tax-xogħol, fejn magħhom ħadet xi drinks, u għal xi 2:30am, telqu. Kompliet tgħid li marru fil-lukanda fejn kienu qegħdin joqgħodu sħabha, u wara marru jiltaqgħu ma' xi ħbieb oħra ta' OMISSIS, ġewwa Havana Club, Paceville, fejn għal ħabta ta' 3am, iltaqgħet mal-imputat Zamzam, li miegħu hija ħadet xi *drinks* u qagħdu jiżfnu. Kompliet tgħid li saqsietu biex imur magħha fil-lukanda, ġabu flixkun inbid mil-lukanda u marru fil-kamra tagħha. Il-vittma spjegat li bdew jitbewsu u mbagħad marret biex tixgħel il-jacuzzi, waqt li kienet għadha bil-ħwejjeġ. Iżda sostniet li hija qatt ma daħlet ġo fih. Hija ftakret illi huwa ried jorbotha u beda jġegħlha tħossha skomda ħafna, u għalhekk bdiet titolbu biex jitlaq, iżda minn dak il-mument, hija ma setgħetx tiftakar kollox.

Spjegat li madanakollu, ftakret illi huwa irnexxielu jorbotha kontra r-rieda tagħha, tant li rabtilha jdejha permezz ta' "*black skirting*" li kien fuq is-sodda. Qalet li kellha xi ħaġa ma' għonqha, filwaqt li uża l-basket tagħha wkoll biex rabatha, u kif ukoll uża l-qalziet bl-istrixxi li kienet liebsa. Kompliet tgħid li hija kienet bejn il-jacuzzi u s-sodda, u fil-fatt meta qamet, sabet ruħha hemmhekk, fl-istess pożizzjoni, b'rasha fuq tapit iswed. Il-vittma uriet il-basket li ntuża biex ġiet marbuta u li kellu ċ-ċineg jinqalgħu. Tenniet li tiftakar li qamet u neħħiet xi ħaġa minn fuq ħalqha u rnexxielha tħoll idejha, għax ma kienux marbutin sodi. Hija qalet li tiftakar diversi drabi li rabatha u reġa' ħallha, però tiftakar ukoll illi idejha u ħalqha kienu marbutin il-ħin kollu. Il-kulur tal-jacuzzi skont OMISSIS, kien abjad. Murija żewġ ritratti, il-vittma

rrikonoxxiet idejha, il-jacuzzi, it-tapit l-iswed, il-bra iswed li kienet liebsa, lil ġisimha, iċ-ċinga tal-basket tagħha, li kienet għadha mdawra f'għoqda, u l-qalziet.

Meta ġiet mistoqsija x'kien ġara qabel ma' ġiet marbuta, hija tenniet li ma tiftakarx sew, iżda sostniet illi huwa kien beda jikkontrollha u beda jgħaġġilha, fis-sens li ried jorbotha, però ma ftakritx jekk kienx qalilha biss li jrid jorbotha jew jekk qabadx u rabatha. Hija kompliet li tifakar li ma bditx tħossha sigura miegħu u mal-ewwel pruvat twaqqfu. Qalet li ma tifakarx lilha nfisha tinża' l-ħwejjeġ. Kompliet tgħid li minkejja li l-imputat kellu Ingliż bażiku, huma xorta bdew jiftehmu. Beda jgħidilha li kollox kien ok, u biex toqgħod kwieta għax bdiet twerżaq meta huwa beda jmissha fil-parti privata tagħha, għaliex f'dak il-mument, hija intebħet li huwa kien ser jabbużha. Xehdet li hija pruvat tagħtih bis-sieq, però hija baqgħet minduda mal-art il-ħin kollu. Spjegat li tiftakar li f'xi ħin, huwa kien qiegħed fuqha u beda jbusha. Ikkonfermat li l-imputat kien neża, għalkemm ma tifkarax eżatt x'kien neża. Il-vittma qalet illi hija ma kinitx fis-sakra, ħassitha imbeżżża ħafna, bdiet tgħidlu biex jieqaf u qabditlu wiċċu b'idejha marbutin biex tweġġgħu, filwaqt li bdiet tigirfu bi dwiefer u ittih bil-ponn, waqt li kien qiegħed jabbuża minnha fiżikament. Fil-fatt hija qalet li, "he *was having normal intercourse with me", "He put it in my vagina"* u *"I was squirming and trying to get away. I was screaming and eventually he ejaculated on my face and in my mouth and I- it was still in my mouth the next day"*. Kompliet tgħid li mal-ħin, hija bdiet taqta' nifisha u bdiet tagħlaq għajnejha, ma kinitx taf x'qiegħed jiġri. Ħasbet illi jekk tieqaf tieħu nifs, huwa kien jieqaf, u hekk għamlet, u minn hemm ma ftakret xejn iktar, ħlief li l-fattigi sabuha mal-art l-għada filgħodu, għall-ħabta ta' 9:00am - 9:30am. Spjegat li xħin qamet bit-taħbit tal-fattigi, hija kienet għadha marbuta. Ftakret ukoll li f'xi punt, kienet pruvat taqbad il-*mobile* biex iċċempel lill-Emerġenza, però taħseb li l-allegat aggressur kien wadbu, għax l-għada sabitu wara l-jacuzzi.

Spjegat li kawża ta' dan l-abbuż, hija kellha tbenġila n-naħa tax-xellug ta' wiċċha ħdejn għajnejha, kif ukoll lejn in-naħa ta' isfel, in-naħa tax-xellug, kif ukoll fin-nofs ta' għonqha. Spjegat li hi ma setgħetx tiftaħ ix-xedaq sew, kellha girfa kbira fuq il-ġenbejn tan-naħa tax-xellug, u s-sinna ta' quddiem tan-naħa tax-xellug kienet miksura, ilkoll kawża tal-aggressjoni mill-imputat. Ix-xhud ġiet imbagħad murija żewġ *videos* li nstabu fuq il-*mobile*, kif ukoll xi *stills* li ġew eżebiti, u rrimarkat li l-persuni li jidhru, kienu hi flimkien mal-aggressur. L-istess xhud imbagħad għarfet u indikat lill-imputat bħala l-aggressur.

In kontroeżami, il-vittma qalet li fid-data li ġara dan l-abbuż, hija kellha dsatax-il sena u li kienet l-ewwel darba tagħha f'Malta. Spjegat li kienet taħdem bħala '*stewardess*' fuq *yacht* li ġie Malta, u li kellha ddum Malta sal-11 ta' Lulju, 2019, però d-data tat-tluq kien jiddependi minn kemm ried li jdumu Malta l-imgħallem tagħha. Mistoqsija dwar ix-xorb li kienet ikkunsmat dakinhar, hija qalet li matul il-ġurnata meta kienet ħdejn il-*pool*, hija ħadet kafè u żewġ *cocktails*, birra waqt li kienet qiegħda tkellem lill-ġenituri tagħha, *cocktail* meta marret fil-*lobby*, żewġ tazzi Prosecco meta kienet il-Casino u *drink* wieħed, u ċioè Rum u Coca Cola, minn Havana Club. Spjegat li marret il-Casino għal xi 12:30am - 1:00am, u telqet mill-Casino għall-ħabta ta' 2:30am - 3:00am, mentri ltaqgħet mal-allegat agressur għall-ħabta ta' 3:00am - 3:30am. Xehdet li sa dak il-ħin, hija *drink* wieħed biss kienet xorbot miegħu, u qalet li kienet "*happy*", però kienet f'sensiha. Qalet li qattgħu inqas minn siegħa ġewwa il-Club fejn kienu qegħdin jiżfnu, ħarġu barra u saqsietu biex imorru fil-lukanda fejn kienet qiegħda toqgħod. Spjegat li ma tafx jekk tbewsux waqt li kienu qegħdin jiżfnu, però qalet illi minħabba t-trawma li għaddiet minnha, ma kinitx qiegħda tiftakar kollox.

Kompliet tgħid li l-imputat, li ma ftakritx x'kien jismu, aċċetta l-istedina u marru fil-lukanda. Qalet li kienet taħt l-impressjoni li hija ordnat l-inbid mit-*telephone* tal-kamra tagħha u ħasbet li hi kienet iffirmat għalih biex tħallsu, però ma ftakritx id-dettalji bl-eżatt, filwaqt li spjegat li l-inizjattiva li tistieden lill-imputat fil-kamra tagħha, li jixorbu l-inbid u li jidħlu fil-jacuzzi, kienet tagħha. Kompliet tispjega li sa qabel ma ried jorbotha, l-intenzjoni tagħha kienet li jkollha x'taqsam miegħu b'mod normali, però meta beda jipprova jorbotha, hija bdiet tgħidlu biex jieqaf u jitlaq, iżda ma setgħetx tiftakar kif niżlet mal-art u lanqas jekk kienx qalilha li ried jorbotha jew jekk kienx qabad u beda jorbotha. Il-vittma sostniet illi saqajha kienu marbuta f'xi punt, però meta qamet, kienu maħlula u setgħet iċċaqlaq ftit saqajha biex iġġib il-*mobile*. Sostniet li qatt ma wżaw il-jacuzzi u li ma ftakritx lilha nnifisha tneħħi l-ħwejjeġ. Ftakret li tbewsu fil-bidu malli daħlu fil-kamra, u ftakret ukoll li huwa kien neżżalha l-ħwejjeġ. Qalet li tiftakar li huwa ma qattalha l-ebda ħwejjeġ, filwaqt li żiedet tgħid li bdiet tweġġa' meta kien qiegħed jorbotha, għax kien qiegħed jissikka.

Il-vittma kompliet tixhed li l-imputat kien sfurzha twettaq sess orali, fejn hi setgħet tinnota li l-imputat huwa "*uncut*" u saħħqet illi fl-ebda ħin ma tiftakar illi kienu fuq is-sodda. Qalet li hija kienet qamet meta semgħet it-taħbit mal-bieb ta' barra. Spjegat li ma kienx irnexxielha tneħħi iċ-ċinga minn ma' jdejha, però kien irnexxielha tneħħi ċ-ċaruta li kellha ma' ħalqha, u wara kien irnexxielha tneħħi l-għoqiedi. Meta fetħet il-bieb, hija kienet qabdet tibki u minħabba li kienet għarwiena, kienet talbet lill-fattiga biex tistenna sakemm tilbes "*robe*" li kienet fil-kamra tal-banju. Kompliet tgħid li lill-

fattiga kienet qaltilha li kienet ferħana li kienet għadha ħajja, u din tatha parir biex iċċempel lill-Pulizija. Spjegat li l-għoqiedi li kellha qabel ma' ntilfet minn sensiha jew raqdet, kienu ħafna iktar b'saħħithom milli kif kienu meta qamet. Fil-fatt, kien irnexxielha tneħħihom waħedha. Saħqet illi ma kinitx tiftakar kif seħħew il-ġrajjiet b'mod kronoloġiku, u lanqas ma ftakret jekk l-imputat kienx qiegħed jieħu xi *videos*. Qalet illi waqt li kienu fil-kamra, ma tkellmux fuq affarijiet personali, però waqt li kienu fil-Club kienu staqsew lill-xulxin minn fejn kienu, tkellmu bl-Ingliż u l-imputat kien qed jifimha.

Xehdet li ħasbet biss li din kienet se tkun "*one-night stand*", iżda ma tiftakarx jekk kienx qalilha li ried jorbotha jew le, però tiftakar li dak il-ħin bdiet tgħidlu le, u li hija ħasbet illi huwa ried jorbotha bħala parti mill-att sesswali. Ġie traskritt li waqt li kienet qed tiġi murija l-*video* li kien ħa s-suspettat, hija qalet '*Did he do that to me?!*', u meta mistoqsija għal liema parti kienet qiegħda tirreferi, hija saħqet li għall-att kollu, għax ma kienet tiftakar xejn u li għax kollu kien sfurzat. Hija qalet illi l-qalżiet tagħha ġie mdawwar ma' ħalqha malli beda l-att sesswali, minħabba illi hija bdiet twerżaq, u neħħietu malli qamet filgħodu. Hija qalet li kienet taħseb li kien rabatha bħala parti mill-att sesswali, għax kien qiegħed jidher li kien qiegħed jieħu gost, imma hi ma kinitx.

**L-Ispettur Joseph Xerri** xehed nhar id-9 ta' Lulju, 2019, fejn spejga li waqt l-investigazzjoni, għamlu analiżi tal-*mobile* tal-imputat u sabu *video* li kien ittieħed waqt l-allegat inċident, liema *video* kien juri parti mill-atti sesswali ta' bejn l-imputat u l-vittma. Spjega li dan il-*mobile* ġie mgħoddi lil Dr Martin Bajada u saret estrazzjoni tal-*video* u numru ta' *stills*. Qal ukoll li Dr Bajada għaddielu kopja tal-*video* permezz ta' We Transfer.

Ix-xhud esebixxa kopja tas-*Submission Form* li kien għamel huwa stess, fl-uffiċju tal-Ispettur John Spiteri ġewwa l-Vice Squad fit-8 ta' Lulju, 2019, għall-ħabta tas-sitta, u liema formola tirreferi għal *Samsung mobile* b'żewġ *IMEI numbers,* li kienu mniżżlin fid-*description of article,* u li permezz tagħha kien talab lil WPC 308, Kim Camilleri sabiex tieħu dan il-*mobile* lil Dr Martin Bajada. B'referenza għall-*pass code,* xehed li l-imputat stess kien tahulhom, u huma għaddewh lil Dr Bajada.

**Dottor Martin Bajada** xehed nhar id-9 ta' Lulju, 2019, fejn spjega li ġie nominat bħala Espert mill-Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace u fis-7 ta' Lulju, 2019, fis-2:08pm,

huwa flimkien ma' PS 914 kien żamm aċċess ġo Hugo's Boutique Hotel, fejn għamel *download* tas-*CCTV footages* tal-kamra 2201. Spjega li minn dawn il-filmati, kienu qegħdin jidhru deħlin mara u raġel, u li iktar tard deher raġel dieħel u ħiereġ minn din il-kamra. Spjega li huwa ġie mogħti *mobile* Samsung J3 mill-Pulizija u għamel estrazzjoni tal-kontenut kollu. Fih sab żewġ *videos* li ttieħdu fis-7 ta' Lulju, 2019, u li juru mara li kienet bil-bra biss, b'idejha marbutin u l-parti ta' isfel ta' wiċċha kien jidher mgħotti b'xi ħaġa ċelesti. L-espert esebixxa *CD* b'dawn il-*videos,* filwaqt li żied li skont is-*CCTV,* il-ħin kien 2:28am, però kellu diskrepanza ta' 51 minuta. Xehed li l-i*stills* ħadhom hu u kienu qegħdin juru lil dawn it-tnejn minn nies deħlin, u iktar tard lil dan ir-raġel dieħel u ħiereġ mill-kamra. Spjega li f'ħin minnhom, ir-raġel kien għamel *cushion* biex il-bieb ma jingħalaqx. Spjega li ma setax jgħid il-post ta' fejn kien il-*mobile* meta ttieħed il-*video,* filwaqt li kompla jgħid li meta r-raġel daħal fil-kamra, il-ħin kien 3:20am, fuq is-*CCTV* kien 2:29am, u r-raġel telaq kompletament mill-kamra fis-6:20am. Temm ix-xhieda tiegħu billi qal, li meta l-imputat beda dieħel u ħiereġ mill-bieb, huwa dejjem beda jħares fuq il-lemin, bħal qisu kien hemm xi ħaġa jew beda jistenna xi ħaġa.

In kontroeżami, l-Espert xehed li l-*mobile* ġie mgħoddi lilu mill-Pulizija fit-8 ta' Lulju, 2019, u kien għadu qiegħed jeżaminah. Spjega li ngħata l-*pattern lock* mill-Pulizija, però ma kienx jaf minn fejn ġabuha. Spjega li l-Pulizija tawh *Submission Form*, li huwa għaddha kopja tagħha lill-Qorti, u tawh ukoll *slip* bil-*pattern lock*. Spjega li ġie mitlub jestratta *video clip* li kien juri persuna femminili u persuna maskili, u joħroġ *stills* minn fuqhom. Saħaq li tali *stills* kien ħariġhom sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw lill-persuna, li sa dak il-ħin kien għadu mhux magħruf.

Dr. Bajada kompla jixhed fis-17 ta' Frar, 2020, fejn spejga li huwa ġie nnominat fi stadju tal-inkjesta sabiex jiġbor *CCTV footages* u joħroġ kontenut minn fuq ċellulari u għadda sabiex jippreżenta r-rapport tiegħu.

Nhar id-9 ta' Lulju, 2019, xehdet **Tamarin Ferry**, li spjegat li nhar s-Sibt, 6 ta' Lulju, 2019, filgħaxija, kienet qiegħda mal-għarus tagħha, Dillon Yelt, il-Casino flimkien ma' OMISSIS, fejn qagħdu jixorbu, waqt li bdew jaraw lil Dillon jilgħab ftit logħob. Spjegat li hi u OMISSIS xorbu żewġ tazzi Prosecco, telqu f'xi 3am, u OMISSIS telqet waħedha l-Club. Qalet li meta telqu mill-Casino, OMISSIS kienet tidher normali u ma kellha l-ebda ġrieħi fuq wiċċha u fuq għonqha. Xehdet li OMISSIS hija kollega tagħha u ħabiba, u ilha tafha minn April 2019. Kompliet tgħid li wara dakinhar meta marru lura għax-xogħol, rat li kellha marki fuq wiċċha u għonqha fuq in-naħa tax-xellug u

kellha girfa fuq in-naħa tax-xellug ta' ġenbejha. Qalet li kienet infurmatha li ġiet abbużata sesswalment fil-kamra tagħha.

In kontroeżami qalet li telqu mill-Casino malli qabżu is-2:30am, u ftakret li fit-3:30am kienet fil-kamra tagħha, filwaqt li meta nfirdet minn ma' OMISSIS, kienu xi 3:00am. Xehdet li filwaqt li hi kienet toqgħod fl-Intercontinental Hotel, rat lil OMISSIS dieħla Havana Club. Qalet li OMISSIS kienet infurmatha li kienet ltaqgħet ma' raġel fil-Club u stednitu għandha fil-kamra.

**Sanja Milivojević** xehdet nhar it-22 ta' Lulju, 2019, fejn spjegat li hi kienet ilha tgħix Malta ħames snin, u kienet taħdem bħala '*Room Attendant*'. Kompliet li hi taħdem ġewwa l-Intercontinental Hotel, iżda sa gimgħa qabel, kienet taħdem ġewwa Hugo's Boutique Hotel. Qalet li f'okkażżjoni minnhom, seħħ xi ħaġa fil-kamra 2201. Spjegat li normalment, hija kienet tibda taħdem fit-8:30am, u dakinhar għall-ħabta tad-9:00am, ħabtet il-bieb tal-kamra 2201 darbtejn u ħarget tifla. Peress li l-kamra kienet mudlana, ħasbet li kienet għadha rieqda u skużat ruħha, filwaqt li nfurmatha li kienet ser tmur iktar tard. Spjegat iżda, li OMISSIS talbitha biex tibqa' hemm għax kienet qiegħda tibża' u bdiet tibki. Kompliet tgħid li hi staqsietha jekk setgħetx tgħinha u jekk kinitx waħeda fil-kamra, għal liema mistoqsija OMISSIS qaltilha li kienet waħeda. Qalet li hi għanqitha u qaltilha tieqaf tibki, filwaqt li assiguratha li kienet se tgħinha. Spjegat li hija għamlitlha tazza ilma u kafè, u wara ftit qaltilha biex tikkalma għax riedet issaqsiha x'kien ġara. Sostniet li għal din il-mistoqsija, OMISSIS infurmatha li l-lejl ta' qabel kienet f'bar Paceville u ltaqgħet ma' raġel ta' karnaġġon skur, fejn flimkien ħadu ftit *drinks* u stednitu jmur fil-kamra magħha. Xehdet li l-vittma kompliet tibki, bdiet tgħidilha li ma tafx x'ġara u li hu kien prova iweġġaha, filwaqt li kien qabadha minn għonqha waqt is-sess, u li prova jsawwatha. Qalet li kienet qaltilha li kienet spiċċat intilfet minn sensiha. Ix-xhud spjegat li ma setgħetx tifhem dak kollu li bdiet tgħidilha OMISSIS, għax kienet qiegħda tibki.

Kompliet tgħid li fil-kamra, hija rat flixkun inbid u żewġ tazzi u kienet saqsietha jekk kintix fis-sakra, imma OMISSIS qaltilha li ma kinitx, u li ftit kienet xorbot. Qalet li setgħet tinnota li s-sodda kienet kollha imqallba, il-lożor kienu mal-art u li fuq wiċċha, għonqha u ġenbejha, kellha l-marki. Hija saħqet li kienet saqsitha għal-*ID Card* jew passaport u l-wallet, għax bdiet tibża' li hu ried jisraqha, però kienu sabu kollox fil-basket, għalkemm il-*mobile* ma kienx irnexxielhom isibuh. Spjegat li wara l-Manager kien qalilha li l-Pulizija kienu sabu l-*mobile* wara l-jacuzzi, u li hi kienet nadfet il-kamra wara li telqu l-Pulizija. Spjegat li kienet infurmat lil OMISSIS li kienet se tgħid lis-

Supervisor tagħha u lill-Manager, u jekk taqbel kienu ser iċemplu lill-Pulizija, iżda meta mar il-Manager, hi telqet.

**PS156 Ivan Attard** xehed nhar it-22 ta' Lulju, 2019, fejn spjega li fis-7 ta' Lulju, 2019, huwa kien xogħol filgħodu ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan u għall-ħabta ta' 9:00am kien nfurmat, li kien hemm tfajla li kienet qiegħda tallega li giet stuprata matul il-lejl. Qal li meta marru fuq il-post, fil-kamra 2201, kien hemm tfajla taħt xokk kbir u kienet spjegat li mal-lejl kienet iltaqgħet ma' ġuvni u stednitu fil-kamra. Qal li din spjegat li kienu ordnaw flixkun inbid u li l-atti sesswali kienu kontra l-volontà tagħha. Xehed li hi talbitu biex jieqaf, imma hu beda jsir aggressiv, kien rabatha bil-ħwejjeġ tagħha stess, beda jaqbadha minn għonqha u jżommha mal-art, u li tant kemm beda jagħmel saħħa, li kważi qas setgħet tieħu nifs, u kważi ntilfet minn sensiha. Żied li ra li kellha xi brix u marki ma' għonqha, u għalhekk kienet ittieħdet Mater Dei bl-ambulanza għall-kura. Spjega li kien informa lill-Ispettur tiegħu, Joseph Xerri, u mar fuq il-post, fejn il-Manager tal-lukanda wriehom *CCTV*, fejn deher li fit-3:00am hija kienet daħlet ma' ġuvni fil-*lobby*, u wara rawha dieħla fil-kamra miegħu. Spjega li wara ġie osservat receptionist li kien tellgħalhom flixkun inbid fil-kamra. Ra wkoll li l-ġuvni kien twil, bil-leħja u kien liebes *shorts* u *t-shirt*. Huwa qal li qatt ma kien iltaqa' mal-imputat.

**PC803 Andrew Pullicino** xehed nhar it-22 ta' Lulju, 2019, fejn spjega li fis-7 ta' Lulju, 2019, għall-ħabta tal-10pm, l-Għassa ta' San Ġiljan irċeviet telefonata anonima, li kien hemm persuna li kien '*Wanted*' minn Spettur Joseph Xerri, li kien qiegħed iħuf fl-inħawi ta' Paceville. Spjega li huwa flimkien ma' PC1461 Alfred Brey, marru ronda jipprovaw isibu lil dan ir-raġel, u waqt li kienu għaddejjin minn Triq San Ġorg min-naħa t'isfel, kien nieżel Abdulaziz Zamzam, liebes l-istess ħwejjeġ - kappell tan-Nike iswed, flokk bil-kliem 'Town' fuqu u kellu *texture* ta' siġra fuqu, u *shorts* li kellu *textures* diagonali. Qal li huwa kien ħareġ mill-vettura u nfurmah li huwa arrestat rigward *rape* u ttieħed l-Għassa ta' San Ġiljan. Qal li huwa informa lis-superjur tiegħu li kien irnexxielu jsib lill-persuna, u kien innota li kellu xi grif fuq wiċċu, fuq in-naħa tal-lemin u fuq dahru. Spjega li dan kien ittieħed il-*Clinic* tal-Furjana, u wara ttieħed il-*lockup*.

**PC78 Luke Grima** xehed nhar it-3 ta Settembru, 2019, fejn spjega li fis-7 ta' Lulju, 2019, għall-ħabta tal-10:15pm, il-kollega tiegħu, PC803, irċieva telefonata fuq it-telefown tal-Għassa, li s-suspettat kien qiegħed quddiem il-lukanda ta' Hugo Boutique Hotel u ġie mitlub jassistih. Qal li kien għalhekk li mar ħdejn il-lukanda, fejn faċċata tagħha hemm '*Lexis Car Park*' u fejn PC 803 kien għaraf is-suspettat. Huwa spejga li wara li

saret *risk search* ħafifa fuqu, arrestawh u niżżluh l-Għassa ta' San Ġiljan u nfurmaw lis-Surġent tagħhom.

Nhar is-16 ta' Settembru, 2019, xehdet **Heidi Gauci Grech fil-kapaċità tagħha ta' gynaecologist**, li eżaminat lil OMISSIS fis-7 ta' Lulju, 2019, senjatament fil-parti femminili tagħha. Xehdet li l-vittma kellha girfa fuq il-parti ta' barra tagħha, kif ukoll girfa oħra fuq in-naħa ta' ġewwa tal-koxxa tax-xellug, filwaqt li l-bqija ta' ġisimha kien ġie eżaminat minn Dr. Debattista. Kompliet tgħid li meta eżaminatha minn ġewwa, ma kienet sabet xejn partikolari, iżda kienet ħadet l-i*swabs* biex jaraw jekk kienx hemm xi infection u r-riżultati kienu kollha ħarġu normali. Spjegat li ħadu xi *samples* li kienu ttieħdu mill-Ispettur Xerri bħala *vaginal washings*, *buckle swabs* u oħrajn, u ppreżentat ir-rapport tagħha. Kompliet tgħid li għalkemm il-ġrieħi ma kinux fondi, il-ġilda kienet tidher li migrufa u saħqet li minn dawn il-ġrieħi setgħet tgħid, li kien hemm vjolenza u li l-att sesswali ma kienx bil-kunsens tal-vittma.

**Dr Carina Debattista** nominata bħala Esperta biex teżamina lil OMISSIS fis-7 ta' Lulju, 2019, xehdet nhar is-16 ta' Settembru, 2019, fejn eżebit ir-riżultanzi tagħha u spjegat li kienet eżaminat lill-vittma, kif ukoll lill-akkużat. Saħqet li l-vittma kellha diversi grif u tbenġil f'għonqha, wiċċha, idejha u saqajha, kif ukoll kellha wkoll barxa żgħira fil-parti tagħha fuq ġewwa, iżda fuq il-parti ta' barra, kien kollox sew. Dan kollox ġie msemmi fir-rapport tagħha. Hija saħqet li dak li kienet irrakontat il-vittma, jaqbel mal-ġrieħi li sofriet u li l-ġrieħi kienu jidhru friski. Xehdet li mill-ġrieħi li eżaminat, kien jidher li kienet intużat ċertu forza biex tinżamm persuna kontra r-rieda tagħha. Spjegat ukoll li fir-rigward ta' ġrieħi fuq l-imputat, hija sabet varji grif f'wiċċu, f'għonqu u f'dahru.

Nhar is-16 ta'Settembru, 2019, xehed **PC844 Karl Micallef** stazzjonat il-Laboratorju Forensiku, li spjega li fis-7 ta' Lulju, 2019, l-Ispettur Xerri nforma lilu u lil PC 385, bil-ħatra tagħhom fl-inkjesta rigward allegat stupru fuq persuna ġewwa Hugo Boutique Hotel ġewwa San Ġiljan. Spjega li kif waslu, l-kollega tiegħu, PC385 Emanuel Dalli, ħa ritratti tax-xena fuq il-post, u wara kienu ġew infurmati mill-Ispettur u l-Pulizija, li kien hemm fuq il-post diversi ħwejjeġ u drapp, li kellhom għoqiedi magħhom, u li kellhom x'jaqsmu mal-każ, kif ukoll xi fliexken u tazzi li setgħu ġew minsusa minn persuna oħra. Xehed li dawn il-ħwejjeġ kienu ġew miġbura, u ttieħdu kampjuni li ġew mgħoddija lil Dr Marisa Cassar. Kompla jgħid li minn fuq it-tazza tal-ħġieġ li kienet fuq komodina ħdejn is-sodda, kienu sabu żewġ impronti, li ġew annessi mar-rapport, flimkien mas-*Submission Form* ta' Dr Marisa Cassar u 47 ritratt meħuda minn

PC 385. Huwa saħaq li fit-8 ta' Lulju, kien inġab l-akkużat u kienu ttieħdu diversi ritratti tal-ġrieħi li kellu fuqu.

**Dr Lennox Vella** xehed li hu kien ġie maħtur biex jagħmel it-traskrizzjoni tal-istqarrija ta' Abdulaziz Zamzam, minn fuq żewġ DVDs, kif ukoll traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti, tax-xhieda ta' OMISSIS, u ppreżenta r-rapport tiegħu. Kien reġa' xehed f'okkażżjoni oħra, fejn ippreżenta xi traduzzjonijiet oħra li ġie ordnat jagħmel minn din il-Qorti.

**Frank Caugant** xehed nhar it-8 ta' Jannar, 2020, fejn spjega li huwa jaħdem fi Hugo's Boutique Hotel bħala Night Shift Receptionist. Qal li mara minn waħda mill-kmamar li huma msejjħa Jacuzzi Suite, ċemplitlu matul il-lejl, u talbitu flixkun inbid abjad. Qal li huwa mar quddiem il-bieb. Huwa sema' xi daħk, tfajla fetħet, kemm ħarġet rasha mil-bieb, u huwa ħaseb li forsi kienet bil-bikini. Spjega li huwa għamel il-kont mal-ħajt u hi iffirmat. Qal li kienet qiegħda tidħak, imma ma kinitx fis-sakra. Qal li ma rax kmiem tal-flokk u ħaseb li forsi kienet bil-bikini jew għarwiena.

Nhar is-17 ta' Frar, 2020, xehed **PC 1461 Alfred Bray,** li spjega li l-Għassa ta' San Ġiljan irċeviet telefonata u PC 803 infurmah li għandhom bżonn jiltaqgħu fejn Hugo Boutique, għax kien hemm persuna li kienu għarfuh in konnessjoni ma' allegat stupru. Qal li hu flimkien ma' PC 78 u PC 803 marru ħdejn il-lukanda, u għarfu lill-persuna liebes flokk bi *smiley face* fuqu. Qal li daħluh fil-karozza u tawh id-drittijiet tiegħu u niżżluh l-Għassa ta' San Ġiljan, u dan fis-7 ta' Lulju, 2019, għal madwar l-10 ta' filgħaxija.

Nhar is-27 ta' Frar, 2020, xehdet **WPC 357 Suzanne Vella,** li spejgat li fis-7 ta' Lulju, 2019, hi ġiet infurmata mill-Ispettur Joseph Xerri u l-Ispettur John Spiteri, biex tmur l-Isptar peress li kien hemm każ ta' stupru, sabiex tiffotografja l-ġrieħi li kellha fuqha l-vittma u x'ħin waslet l-Isptar għal xil-11:00, hija marret l-OBS Room 2, fejn kien hemm il-Gynae Dr. Heidi Gauci Grech preżenti, Dr Carina Debattista, in-Nurse Sharon Micallef, kif ukoll counsellor u WPC 398. Xehdet li hi daħlet magħhom waqt li kienu qegħdin jagħmlu l-vista tal-Gynae, u kull fejn ippuntatilha l-Gynae li kien hemm ġrieħi, ġew iffotografati u sussegwentement, tali ritratti ġew ippreżentati fil-Qorti.

**Dr Marisa Cassar** xehdet nhar it-22 ta' Ġunju, 2020, u spjegat li hija ġiet nominata fl-inkjesta. Qalet li hija kienet ġabret ukoll kampjun orali tal-imputat u għamlet analiżi ta' komparazzjoni, mil-liema irriżulta li fit-3 kampjuni, kien hemm profil ġenetiku li jaqbel ma' dak tal-imputat. Hija ppreżentat ukoll ir-rapport tagħha.

Nhar it-22 ta' Lulju, 2020, xehed **l-Ispettur John Spiteri** stazzjonat il-Vice Squad, li spjega li fis-7 ta' Lulju, 2019, kien ġie nfurmat mill-Ispettur Joseph Xerri, illi kien daħal rapport fl-Għassa ta' San Ġiljan minn OMISSIS, li kienet allegat illi f'xi ħin matul il-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Lulju tal-istess sena, kienet allegatament ġiet stuprata b'mod vjolenti. Kompla li hija kienet saħqet li kienet qiegħda hawn Malta għax kienet taħdem fuq dgħajsa bħala kok, u kienet ingħatat ċertu ġranet *off* mix-xogħol u marret toqgħod ġewwa Hugo's Boutique Hotel. Spjega li matul dak il-lejl, hija kienet marret f'xi diskoteki ġewwa Paċeville, fejn iltaqgħet ma' persuna li ma kinitx taf, u wara stednitu biex imur fil-kamra tal-lukanda magħha. Hemmhekk beda rapport sesswali bejniethom. Sa dak il-mument, hija qalet li kollox kien konsenswali, però dan ir-raġel beda jsir vjolenti meta beda jitlobha biex tagħmel xi forma ta' avvanzi sesswali, li hi ma xtaqitx illi jsiru, u kien għalhekk li huwa rabatha u uża vjolenza fuqha. Żied li hija kienet qalet li kien hemm xi forma ta' swat u kien għamel xi ċraret ma' għonqha biex jgħallaqha, u li l-għada filgħodu kienet bla saħħa u kienet sabitha l-fattiga li marret biex tnaddaf.

Kompla li l-vittma ma setgħetx tipprovdi identità ta' min kien wara dan l-allegat abbuż, però kienet provdiet deskrizzjoni tiegħu u ta' ħwejġu, u kienet infetħet inkjesta maġisterjali, fejn inħatru Dr. Heidi Gauci Grech u Dr Karina Debattista li għamlu r-rapport mediku, u Dr. Martin Bajada li kien ħa xi *stills* mis-*CCTV footages*. Kompla li malli ottjenew dawn l-i*stills* li juru lill-akkużat, huma tellgħu lill-persuna fuq il-'W*anted List*' tas-sistema tal-Pulizija, u fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Lulju tas-sena 2019, kienu arrestaw lill-imputat, li ġie mogħti d-drittijiet legali tiegħu, inkluż dak li jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, u li jkun preżenti waqt l-interrogazzjoni. Spjega li l-imputat irrilaxxa l-istqarrija rigward dan l-allegat abbuż u li l-imputat kien għażel li jitkellem ma' Dr. Marisa Mifsud privatament qabel l-istqarrija. Spjega li fl-istqarrija, huwa kien iddikjara li kellu x'jaqsam ma' OMISSIS b'mod konsenswali, u spjega wkoll li OMISSIS marret fl-uffiċini tagħhom u kienet assistita minn Social Worker min-naħa tas-Sexual Assault Response Team. Qal li din kienet irrilaxxat dikjarazzjoni b'dak kollu li kienet saħqet, u dawn il-fattispeċi kienet irrilaxxathom quddiem l-Onorabbli Qorti, meta kien tressaq l-akkużat.

**PC 2308 Kimberly Camilleri** xehdet li hija, qabel kellha n-numru WPC 308. Qalet li hija kienet ingħatat struzzjonijiet sabiex tgħaddi l-*mobile phone* appartenenti lill-imputat, lil Dr Martin Bajada.

**PC 914 Luke Zammit** spjega li huwa kien stazzjonat fl-Għassa ta' San Ġiljan fis-7 ta' Lulju, 2019, u ġie mitlub jassisti lil Dr. Martin Bajada biex jeleva filmati minn Hugo Boutique Hotel, f'San Ġiljan.

**PC 2398 Shana Caruana** spjegat li preċedentement, kellha n-numru WPC 398. Spjegat li hija kienet mal-vittma f'Mater Dei Hospital, meta kienu qed jittieħdu testijiet u kien hemm preżenti wkoll Heidi Gauci Grech u Dr Carina Debattista.

**Joseph Mallia** xehed li fis-seduta tad-9 ta' Diċembru, 2000, huwa kien ħa kopji tal-impronti diġitali u l-marki tal-pali tal-idejn tal-imputat, u żied li minn eżami komparattiv li huwa għamel, wara li PC 844 għaddielu 2 lifters ta' impronti diġitali, irriżultalu li dawn l-impronti ma' jaqblux ma tal-imputat.

**Claire Bartolo** spjegat li hija qed tagħraf il-firma tagħha fuq id-dokument a fol 238 tal-proċess u kkonfermat li d-data kienet 10 ta' Lulju, 2019. Spjegat li hija għaddiet dawn l-eżebiti lil Dr Marisa Cassar.

**PS 345 Surġent Mark Cremona** spjega li l-involviment tiegħu f'dan il-każ kien, li fis-7 ta' Lulju, 2019, għall-ħabta tal-għaxra u kwart, irċivew informazzjoni anonima, li l-imputat kien jinsab f'Hugo's Boutique Hotel. Qal li huwa kien informa uffiċjali oħra u wara li l-imputat ġie identifikat, ġie arrestat fuq il-post.

**Keith Cutajar** xehed fis-26 ta' Ottubru, 2023, fejn eżebixxa l-kopji li ġie ordnat jippreżenta, liema kopji ġew mgħoddija lid-difiża.

**Ikkunsidrat**:

<u>**Argumenti mressqa mid-difiża waqt it-trattazzjoni finali**</u>

Qabel ma' din il-Qorti tgħaddi biex teżamina dan il-każ fil-mertu, hija sejra tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha, dwar xi argumenti li ġew imqajjma mid-difiża fit-trattazzjoni tagħha.

Intqal li l-kontenut tal-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat, ma jinftiehimx, u dana peress li kien qed jiġi utilizzat interpretu, li jista' jkun ma kienx f'pożizzjoni li jitraduċi b'Malti li jagħmel sens. Id-difiża tqajjem dubji, li l-imputat, jista' jkun, li lanqas ma kien qed jifhem x'kien qed jgħidlu u jittraduċilu l-interpretu. Intqal ukoll li l-imputat, lanqas ma ġie mogħti *disclosure of evidence* qabel ma' rrilaxxa l-istqarrijiet tiegħu. Skont id-difiża, l-imputat ma kienx jaf bil-*video* li kellha f'idejha l-Prosekuzzjoni, u ġie rinfaċċat b'dan il-*video* waqt li kienet qed issir it-tieni stqarrija minnu.

Din il-Qorti tirribadixxi li matul is-smigħ ta' din il-kawża, ħlief għas-seduta tad-29 ta' Jannar, 2024, qatt ma tqajjem l-ebda ilment da parti tad-difiża jew tal-imputat, li l-imputat ma kienx qed jifhem lill-interpretu Huoto Nazmi Khalil, jew li dan l-interpretu kellhu xi nuqqasijiet li ma jagħmluhx idoneju li jiġi nkarigat bħala interpretu minn din il-Qorti. Kien biss f'din is-seduta tad-29 ta' Jannar, 2024, illi tqajjem dan l-argument mid-difiża.

Jiġi rilevat ukoll, li l-imputat kien ben konsapevoli, li l-Pulizija li kienu qed jinvestigawh, kellhom fil-pussess tagħhom il-*mobile* tiegħu stess. Dan il-*video* li ssemmi d-difiża u li ġie eżebit f'dawn l-atti, instab proprju fil-*mobile* tal-imputat innifsu.

Mill-banda l-oħra, l-imputat f'dawn il-proċeduri, għażel li ma jixhidx, kif kellu kull dritt li jagħmel.

Għalkemm din il-Qorti tqis li ma kien hemm xejn irregolari fit-teħid taż-żewġ stqarrijiet mogħtija mill-imputat, fl-evalwazzjoni tal-provi, hija mhijiex ser tistrieħ fuq il-kontenut tal-istess stqarrijiet.

Tqajjem ukoll argument, li din il-proċedura hija waħda irregolari u semmai, għandha tiġi ddikjarata nulla, minħabba li fir-rinviju tal-ħamest ijiem li sar mill-Avukat Ġenerali, ma ġiex indikat id-difett u dispożizzjoni legali, li abbażi tagħha sar l-istess rinviju. Din il-Qorti tqis li mil-atti jirriżulta, li wara li nħareġ tali rinviju li kien jagħmel referenza għaż-żewġ digrieti mogħtija minn din il-Qorti preċedentement, l-imputazzjonijiet reġgħu nqraw mill-ġdid bil-ġurament u reġa' sar l-eżami tal-imputat. Ingħatat eżenzjoni milli din il-Qorti terġa' tisma' l-provi kollha mill-ġdid, u in fatti, kien hemm qbil bejn il-partijiet kollha nvoluti, li l-provi li ġjà tressqu, kellhom jibqgħu jgħoddu. Reġa' ngħata d-digriet *prima facie* u din il-kawża kompliet tinstema' ai termini tal-liġi.

Ċertament mhux fl-ambitu ta' din il-Qorti li f'dan l-istadju, tippronunzja ruħha dwar xi allegata nullità jew xi difett li baqa' ma ġiex sanat (hekk kif qed tallega d-difiża).

**<u>Provi Saljenti</u>**

Illi jirriżulta li l-vittma kienet Malta għal ftit ġranet, u s-Sibt, 6 ta' Lulju, 2019, hija ħarġet tiddeverti u kmieni filgħodu tas-7 ta' Lulju, 2019, iltaqgħet mal-imputat ġewwa Club f'Paceville. Wara li ħadu *drink* u żifnu flimkien, hija stiednitu fil-kamra tal-lukanda, fejn kienet qiegħda toqgħod. Imbagħad skont l-allegata vittma, hija ġiet allegatament abbużata mill-imputat u stuprata, kif ukoll ġiet marbuta.

Din il-Qorti tqis li anke li kieku kellha tiskarta kompletament l-istqarrijiet mogħtija mill-imputat, fil-fehma umli tagħha, tressqu provi suffiċjenti dwar uħud mill-imputazzjonijiet. In fatti, wara li qieset ix-xhieda tal-vittma, tqis li l-verżjoni mogħtija mill-vittma, hija waħda kredibbli u veritiera, anke kif ikkorraborata mix-xhieda tal-ħabiba tal-vittma, flimkien max-xhieda mogħtija mill-ħaddiema f'Hugo's Boutique Hotel. Din il-Qorti, lanqas ma tista' tiskarta l-kontenut tal-filmat li ġie eżebit f'dawn l-atti u estratt mill-*mobile* tal-imputat. L-allegata vittma kkonfermat li l-ġisem li jidher f'dan il-filmat, kien tagħha, u minn dan il-filmat seta' jidher l-att li kien għaddej u li dak li xehdet dwaru l-vittma, effettivament jirriżulta in parti, f'dan il-filmat eżebit.

Apparti minn dan, din il-Qorti ma tistax tiskarta l-ġrieħi li kellha fuq il-persuna tagħha l-vittma, li huma kollha kompatibbli mal-verżjoni hekk kif mogħtija minnha, dwar il-fatt li kienet ġiet marbuta, u li l-imputat kien abbuża minnha xħin din bdiet tinsisti biex jitlaq 'il barra. In oltre, wara li fliet fid-dettal ir-rapport ippreparat mill-Esperta maħtura fl-inkjesta maġisterjali, din il-Qorti hija tal-fehma li l-grieħi u l-grif fuq il-vittma, huma lkoll kompatibbli mal-istupru li seħħ fuq il-persuna tagħha.

Barra minn hekk, il-Qorti qieset ukoll li l-verżjoni mogħtija mill-vittma, tikkombaċa wkoll mal-fatt, li fuq il-persuna tal-imputat instabu varji ġrieħi. Il-vittma kkonfermat li hija bdiet tipprova tweġġa' lill-imputat sabiex twaqqfu mill-abbuż, li kien qed jagħmel fuq il-persuna tagħha. Huwa minnu li hemm evidenza estratta fil-*mobile* tal-imputat, li dan kien mar jgħum, iżda minn tali evidenza ma jirriżultax li l-imputat kien sofra xi tip ta' ġrieħi. Hija iktar verosimili li tali ġrieħi ġew effettivament ikkaġunati mill-vittma, waqt li kienet qed tipprova twaqqaf lill-imputat mill-abbuż li kien qed jagħmel fuqha.

Din il-Qorti tqis li ma hija l-ebda skużanti, li imputat jargumenta li huwa kien fis-sakra jew li l-vittma kienet fis-sakra. Il-vittma kienet ċarissima fix-xhieda tagħha, li l-intenzjoni tagħha kienet li jkollha x'taqsam sesswalment mal-imputat, b'mod normali. Il-problema nħolqot meta l-imputat iddeċieda li jorbot lill-vittma u jagħmel dak kollu li xtaq, mingħajr ma' ottjena l-kunsens tal-vittma. Il-vittma nsistiet li hija għamlitha ċara li ma ħassithiex sigura u li talbitu biex jitlaq 'il barra, iżda dan, għar-ragunijiet li jaf bihom hu biss, iddeċieda li jibqa' għaddej b'dak li kellu f'moħħu li jagħmel. Dan l-aġir, ċertament, mhuwiex tollerabbli f'soċjetà ċivilizzata u għalhekk, l-imputat għandu issa jbati l-konsegwenzi tal-aġir illegali tiegħu.

Din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex teżamina l-imputazzjonijiet b'mod separat.

<u>**L-ewwel imputazzjoni**</u>

L-Artikolu 198(1) u (3) tal-Kodiċi Kriminali, hekk kif viġenti preżenzjalment, jipprovdi:

> *198.(1) Kull min, mingħajr kunsens, jikkommetti konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali b'organu sesswali, ta' ġisem ta'*

*persuna oħra, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt (6) snin sa tnax (12)-il sena:*

*Iżda kull min, mingħajr kunsens, jikkommetti penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali b'xi parti oħra tal-ġisem mhux imsemmija fis-subartikolu (1) fuq il-ġisem ta' persuna oħra, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena minn tlieta (3) sa disa' (9) snin:*

*Iżda wkoll penetrazzjoni bi kwalunkwe parti tal-ġisem għandha titqies kompluta hekk kif jinbeda l-konġunġiment karnali, u ma jkunx meħtieġ li jinġiebu provi ta' atti ulterjuri.*

*(3) L-atti msemmija fis-subartikolu (1) u (1A) għandhom jitqiesu li seħħew mingħajr kunsens sakemm tali kunsens ma kienx mogħti volontarjament, b'riżultat tal-volontà libera tal-persuna, evalwati fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tal-każ u l-istat tal-persuna fiż-żmien tar-reat, b'konsiderazzjoni tal-istat emozzjonali u psikoloġiku tal-persuna, fost konsiderazzjonijiet oħrajn.*

Fi żmien li seħħ dan ir-reat, dan l-Artikolu kien jaqra hekk bit-test Ingliż:

*"198. (1) Whosoever shall engage in non-consensual carnal connection, that is to say, vaginalor anal penetration of a sexual nature with any bodily part, and, or, any object, or oral penetration with any sexual organ of the body of another person shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term from six to twelve years:*

*Provided that penetration with any bodily part and, or object shall be deemed to be complete by its commencement, and it shall not be necessary to prove any further acts.*

*....*

*(3) The acts referred to in sub-article (1) shall be deemed to be non-consensual unless consent was given voluntarily, as the result of theperson's free will, assessed in the context of thesurrounding circumstances and the state of thatperson at the time, taking into account that person's emotional and psychological state, amongst other considerations."*

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, **Police vs Yannick Jonathan Chatelle**, fit-8 ta' Novembru, 2016, fejn intqal:

*"L-imputat primarjament gie akkuzat bir-reat ta' stupru vjolenti kif koncepit fl-Artikolu 198 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*"L-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' stupru huwa ben stabbilit fl-ordinament guridiku taghna. L-Artikolu 198 tal-Kapitolu 9 ta-lLigijiet ta' Malta jipprovdi li:*

*Kull min, bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati...*

*Illi essenzjalment ir-reat ta' stupru jikkonsisti fil-kongungiment karnali cioe' l-introduzzjoni jew il-penetrazzjoni ta' l-organu genital ta' persuna fl-organu genital ta' persuna ohra. Dan il-kongungiment m'hemmx ghalfejn ikun komplut ghal kollox, huwa bizzejjed li jkun hemm bidu tal-penetrazzjoni.*

*Illi ghalhekk l-istupru jirrikjedi zewg elementi: l-att sesswali, li jkun maghmul kontra l-volonta' tal-vittma, bi vjolenza.*

*Illi dwar dan l-element ta' vjolenza l-Professur Sir Anthony Mamo jghallem hekk:*

*This is the characteristic element of the crime of rape and serves to distinguish it from other crimes...it is an element which is of the essence of the crime and not merely an aggravation of it,... The Law does not specify what the violence must consist in. Nor could it. The whole point is to determine in each particular case whether the carnal knowledge took place against the will of the victim and notwithstanding such resistance as he or she could, having regard to his or her physical strength and moral energy, offer: all the rest boils down to an appreciation of the circumstances of fact according to the common experience of life. Any attempts to determine a priori the intensity, the character and the degree of violence required would have been in vain and dangerous, they depending so much on the character and personal circumstances of the victim of the crime...*

*Illi dwar il-prezunzjoni ta' vjolenza f'certi kazijiet il-Professur Mamo ikompli jispjega li:*

*...our Law, like other Laws, has created certain presumptions with regard to this element of violence. Section (201) lays down that the unlawful carnal knowledge*

*shall be presumed to be accompanied with violence... When the person abused was unable to offer resistance owing to physical of mental infirmity or for any other cause independent of the act of the offender...*

*....Illi dwar il-kunsens o meno tal-vittma f'kazijiet ta' stupru Blackstone (Criminal Practice 2009 edition) jghid hekk:*

*Capacity is an integral part of consent. A valid consent can only be given by a person who has the capacity to give it ... Common Law principles ... suggest that a complainant will not have had capacity to agree by choice where her understanding and knowledge were so limited that she was not in a position whether or not to agree. This may arise in a variety of different circumstances; for instance when a complainant is ...intoxicated by alcohol or drugs. These principles...still apply...*

*....Dan ir-reat ta' stupru bil-vjolenza, u dan bhala kull delitt iehor, fih zewg elementi essenzjali, cioe' l-element materjali u l-element intenzjonali, jigifieri fih dawn iz-zewg elementi li jridu jkunu jezistu flimkien u fl-istess hin waqt li l-imputat allegatament ikkommetta rreat, ghaliex jekk ma jirrizultax element wiehed minnhom, allura ma hemmx r-reat.*

*Xi jfisser jew x'inhu stupru?*

*Bhala definizzjoni generali tieghu, l-istupru huwa rape u jikkonsisti essenzjalment fil-kongungiment karnali, cioe' fil-ghaqda ta' gisem ma' gisem iehor. Stupru ghalhekk ifisser li jrid ikun hemm relazzjoni sesswali, irid ikun hemm l-introduzzjoni jew penetrazzjoni tal-organu genitali ta' persuna fl-organu genitali ta' persuna ohra. Dan il-kongungiment karnali jew introduzzjoni tal-organu genitali ta' persuna f'ta' persuna ohra, m'hemmx ghalfejn ikun komplut ghal kollox jew ikkonsmat. Il-penetrazzjoni ta' organu genitali f'iehor ma hemmx ghalfejn tkun shiha ghal kollox. Huwa bizzejjed, skond l-ligi, jekk ikun hemm biss anke parti minn din il-penetrazzjoni, xorta f'dak il-kaz d-delitt huwa komplut, mill-aspett tal-element materjali. Il-qtugh tal-hymen u emissjoni ta' semen mhux elementi kostituttivi ta' dan ir-reat.*

*It-tieni element essenzjali f'dan ir-reat huwa dak ta' vjolenza u dan irid jissussisti indipendentement jekk il-vittma offrietx rezistenza jew le. Jigifieri mhux bizzejjed li l-vittma ma jkollhiex il-volonta', imma irid ikun hemm ir-rezistenza taghha ghal dak l-att ta' stupru. Naturalment wiehed irid jara din ir-rezistenza u x'setghet kienet minn ezami tac-cirkostanzi partikolari f'kull kaz fejn hu allegat li sar dan d-delitt. Ghalhekk f'kazijiet normali ta' stupru fejn il-vittma mhix persuna minorenni sabiex tigi konsidrata x'tip ta' rezistenza*

*setghet toffri l-vittma, wiehed irid jikkonsidra certi cirkostanzi bhal per ezempju l-eta' tal-vittma, l-istat fiziku taghha u affarijiet simili ohra.*

*Skond il-Professur Mamo fin-Noti tieghu The Criminal Law, jghid li l-vjolenza huwa l-element karatteristiku tar-reat ta' stupru u fil-fatt huwa l-element baziku w intrinsiku ta' dan ir-reat.*

*Maino, il-gurista Taljan, fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale - Vol 3 - pagni 178 u 179 jghid:*

*"L indagine caratteristico del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuto contro la volonta' della vittima, e nonostante quella che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento della circostanze dei fatti che rientra nelle nozioni piu ovvie della vita."*

*....Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appel fl-ismijiet il-Pulizija vs James Demanuele deciza fit-2 ta' Ottubru 2010), il-Qorti stqarret li "il-ligi taghna in tema ta' stupru tirikjedi li l-kongungiment karnali ikun sar bil-vjolenza.*

*Tali vjolenza tista' tkun fizika jew morali (jew naturalment it-tnejn flimkien). Il-ligi pero' ma tikkwantifikax din il-vjolenza, ossia il-grad ta' vjolenza li trid tigi wzata, biex wiehed jghid li kien hemm stupru. Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi tal-kaz u b'mod partikolari fuq l-eta' tas-suggett attiv u tas-sugett passiv, l-istat ta' sahha u l-forzi taghhom, it-temperament jew karattru taghhom kif ukoll fuq ic-cirostanzi partikolari li jkun jinsab fihom is-suggett passiv. Dak li hu necessarju hu li l-vjolenza tkun wahda effettiva, jigifieri li fil-kaz konkret ikun hemm, bejn il-vjolenza adoperata u l-kongungiment karnali, in-ness tal-kawza u l-effett, ta' mezz u fini."*

Il-Qorti tal-Appell, fil-kawża deċiża fid-29 ta' Novembru, 2018, fl-ismijiet, **Pulizija vs Joseph Magro**, saħqet:

*"Illi fl-ewwel lok ir-reat tal-istupru jikkonfigura meta l-awtur tar-reat: "bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor". ....*

*Id-dottrina Maltija hija fis-sens li r-reat ta' stupru huwa ikkunsmat meta jigi pprovat: " The commencement of the connection without the necessity of proving any further acts" ( vide Criminal Law - Profs A Mamo pg 194)*

*Ir-reat ta' stupru jissussisti : " upon proof of penetration only: and the slightest penetration is sufficient" (Ibid).*

*Kif gie ben ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali per l-Onor Imhallef Joseph Galea Debono, fl-ismijiet il-Pulizija Supt. Bartholomeo Mula et. vs. Ommissis, deciza fl-4 ta' Settembru 2003:*

*"Biex ikun hemm ir-reat ta' stupru mhux mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shih u l-icken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jissussisti reat."*

*Dan il-kongungiment karnali irid necessarjment isir minghajr il-kunsens tal-vittma."*

F'**Ir-Repubblika ta' Malta vs Deniro Bugeja**, il-Qorti Kriminali spjegat fil-11 ta' Marzu, 2022, li:

*"It-tifsira li l-Leġislatur ried jagħti lill-kunċett ta' konġunġiment karnali hija waħda ċara u ftit li xejn teħtieġ spjegazzjoni ulterjuri. Iżda sabiex konġunġiment karnali jikkostitwixxi r-reat ta' stupru ai termini tal-Liġi kif in vigore illum, irid ikun sar mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra. In verità l-element tal-kunsens dejjem kien element ċentrali għall-finijiet tar-reat ta' stupru. In effetti kif osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fissentenza Il-Pulizija v. Mark Taliana, deċiża fis-17 ta' Diċembru 2001 Maino, il-ġurista Taljan, fil-ktieb tiegħu Commento al Codice Penale - Vol 3 - paġni 178 u 179 jgħid:*

*"L'indagine caratteristico del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenutocontro la volontà della vittima, e nonostante quella che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento della circostanze del fatti che rientra nelle nozioni più ovvie della vita."*

*Illi r-reat in kwistjoni gie emendat wara li Malta rratifikat il-Konvenzjoni ta' Istanbul fis-sena 2014 u sussegwentament giet enforzata fl-2018. Skond din il-konvenzjoni u l-legislazzjoni taghna giet emendata abbazi taghha, l-element formali ghar-reat ta' stupru huwa t-taghrif jew ahjar in-nuqqas ta' kunsens dwar jekk l-allegat vittma taghtix il-kunsens taghha jew le ghall-att sesswali.*

*Dejjem fir-rigward ta' l-element tal-kunsens, l-Artikolu 198(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: l-atti msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jitqiesu li seħħew mingħajr kunsens sakemm tali kunsens ma kienx mogħti volontarjament, b'riżultat tal-volontà libera tal-persuna, evalwati fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tal-każ u l-istat tal-persuna fiż-żmien tar-reat, b'konsiderazzjoni ta' l-istat emozzjonali u psikoloġiku tal-persuna, fost konsiderazzjonjiet oħrajn.*

*L-element ta' kunsens jaghti piz lil awtonomija sesswali tal-persuna koncernata. Il-kunsens isehh meta persuna tawtorizza persuna ohra li taghmel dak li trid mill-persuna konsenti. Il-kunsens jista' jigi espress b'mod assertiv u car jew adirittura b'mod implicitu mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Zgur kif stqarret id-difiza sokor, dizzabilta', inabilitazzjoni u eta' jaffetwaw persuna ta' kif ghandha taghti l-kunsens taghha. L-att materjali ta' dan ir-reat huwa l-kongungiment karnali u f'dan il-kaz mhux jigi kkontestat pero' li hu inkontestat hu l-fatt jekk l-allegata vittma tatx il-kunsens taghha sabiex isehh l-att sesswali. F'dan il-kaz ghalhekk wiehed irid jagixxi fit-terminu ta' sub artikolu 3 tal-Artikolu 198. Huwa rikjest sine qua non ghalhekk li l-aggressur jkun jaf li l-allegata vittma tkun qed tikkonsentixxi qabel ma fil-fatt jikkommetti dan l-att sesswali b'penetrazzjoni, fejn il-livell ta' prova li tista' tressaq il-prosekuzzjoni tista' tvarja minn kaz ghal iehor, specjalment meta tqis li generalment waqt il-konsumazzjoni ta' dan l-att ikunu prezenti biss l-aggressur u l-vittma. Li hu zgur pero li l-aggressur irid jemmen b'mod ragjonevoli li l-parti l-ohra qeghda taghti l-kunsens taghha u ghalhekk ic-cirkostanzi kollha tal-kaz ghandhom jigu analizzati sabiex jigi determinat jekk l-aggressur hax xi passi sabiex jaccerta ruhhu mill-kunsens jew in-nuqqas tieghu.*

*Kuntrarjament ghal ligi Ingliza msejjha UK Sexual Offences Act fejn insibu definizzjoni ta' xi tfisser kunsens u cioe' fejn "a person … agrees by choice, and has the freedom and capacity to make that choice" (Sexual Offences Act 2003, Article 74) il-ligi Maltija hija siekta. Kull ma tipprovdi l-ligi Maltija hija dwar il-kunsens huwa dak ipprovdut fis-sub-inciz 3 talArtikolu 198. Sta ghal din il-Qorti ghalhekk li ticcara x'ghandu jinftiehem bil-kelma kunsens fic-cirkostanzi li jwasslu ghal reat ta' stupru. Din il-Qorti ghalhekk f'sitwazzjoni fejn m'hemmx cahda diretta ghal partecipazzjoni f'tali att, trid tara jekk l-agir tal-allegata vittma kienx wiehed univokament dirett sabiex iwassal lill-aggressur jifhem illi huwa ma riedx jippartecipa bl-ebda mod u li dak li kien ser isehh kien se jigi impost fuq il-persuna tal-vittma kontra r-rieda taghha. Il-Qorti dan tista' taghmlu biss jekk ic-cirkostanzi antecedenti tal-att ikunux tali li jinducu lill-aggressur jikkommetti l-att sesswali b'penetrazzjoni jew kienux dawk li jindikaw mod iehor.*

*Naturalment dan isir billi l-Qorti tqis fost kunsiderazzjonijiet ohrajn l-istat emozzjonali u psikologiku tal-allegata vittma. Il-fatt li l-allegat aggressur u l-allegata vittma jkollhom relazzjoni amoruza qabel il-kommissjoni ta' tali att bil-penetrazzjoni jaghmilha aktar difficli ghall-Qorti sabiex tiggudika lill-istess nies propju f'dak il-mument ta' konsumazzjoni tal-att sesswali bil-penetrazzjoni."*

Jirriżulta mir-rapport mediku ta' Dr. Carina Debattista, li rraportat is-segwenti ġrieħi, fost oħrajn:

- Ematoma fuq il-ħaddejn tax-xellug ta' OMISSIS;
- Ematoma ħdejn il-commissure palpebral laterali tal-għajnejn tax-xellug;
- Ematoma fuq in-naħa tal-lemin tal-għonq ta' OMISSIS, li huma probabbilment kompatibbli ma' strangolazzjoni manwali, li jidhru bħala kontużjonijiet mifruxa irregolari;
- Ematoma fuq in-naħa tax-xellug tal-għonq;
- Kontużjonijiet mifruxa fuq l-aspett anterjuri tal-għonq ta' OMISSIS;
- Brix linejari ta' 6mm fuq l-aspett palmari tal-polz tal-lemin, wisq probabli kompatibbli ma' marki tad-dwiefer;
- Brix fuq in-naħa ta' ġewwa tal-koxxa tal-lemin ta' OMISSIS;
- Barxa linejari ta' 2cm fuq in-naħa ta' ġewwa tal-koxxa tal-lemin ta' OMISSIS, flimkien ma' possibilment marki tad-dwiefer oħra;
- Ematoma fuq l-aspett medjali tal-irkoppa tal-lemin ta' OMISSIS;
- Barxa linejari fuq l-aspett medjali tal-pexxun tal-lemin ta' OMISSIS;
- Ematoma fuq l-aspett medjali tal-pexxun tal-lemin ta' OMISSIS;
- Barxa linejari ta' 4cm fuq in-naħa ta' ġewwa tal-koxxa tax-xellug ta' OMISSIS u ematoma fuq il-lemin 'il fuq minnha;
- Ematoma fuq ir-reġjun infrapatellari u l-aspett medjali tal-irkoppa tax-xellug ta' OMISSIS;
- Ematoma fuq l-aspett laterali tal-qasba tas-sieq tal-lemin ta' OMISSIS;
- Barxa fuq in-naħa tax-xellug fuq it-tendon ta' Akille u ematoma fuq il-pexxun tax-xellug;
- Erożjoni supefiċjali fuq in-naħa tal-lemin tal-labia tal-vittma.

Hija rraportat ukoll is-segwenti ġrieħi fuq l-imputat:

- Marki ta' grif linejari, possibilment permezz ta' difer, fuq in-naħa tax-xellug tal-lesser alar cartilage tal-imnieħer;
- Grif permezz tad-dwiefer mferrxin fuq in-naħa tax-xellug tal-għonq ta' Abdulaziz Zamzam;
- Possibilment grif permezz tad-dwiefer fuq in-naħa tal-lemin tar-reġjun supraclavikulari ta' Abdulaziz Zamzam;
- Possibilment grif permezz tad-difrejn fuq id-9 kustilja tal-lemin ta' Abdilaziz Zamzam, fin-nofs tal-linja axillari;
- Brix fuq l-outer quadrant ta' fuq tan-naħa tax-xellug tal-ħaddejn tal-warrani ta' Abdulaziz Zamzam;

Għal Qorti, m'hemmx dubbji li l-ġrieħi li sofriet il-vittma, huma kompatibbli ma' relazzjonijiet sesswali mhux konsenswali u ma' aggressjoni. Jirriżulta li fil-verżjonijiet kollha li ngħataw mill-vittma, din baqgħet konsistenti in kwantu li l-intenzjoni tagħha kienet waħda ta' relazzjoni sesswali konsenswali, iżda fil-kamra, l-imputat kien rabtilha idejha, saddilha ħalqha sabiex ma tkunx tista' tgħajjat għall-għajnuna, wadbilha l-*mobile* sabiex ma tkunx tista' ċċempel għall-għajnuna, u stupraha billi kien hemm penetrazzjoni mhux konsenswali. Sfortunatament, il-vittma ma rnexxiliex taħrab mill-ħakma tal-imputat, minkejja li hija bdiet tipprova tagħti u tigirfu, bl-intiża li dan iweġġa' u jieqaf jistupraha.

Il-Qorti tagħti piż ukoll, lir-rapport ta' Dr Marisa Cassar, li rraportat li mill-analiżi komparattiv irriżulta, li fit-3 kampjuni kien hemm profil ġenetiku, li jaqbel ma tal-imputat u rrapurtat li "*il-kampjuni low vaginal u high vaginal wash taw rizultat pozittiv ghall-prezenza ta' Acid Phosphatase*" u li "*Qalziet ta lewn griz li kellu xi tbajja. It-tbajja fuq ic-cineg, li huma ndikati bil-vlegeg homor u mmarkati bhala S1, kienu pozittivi ghall-prezenza ta' demm...*"

Magħdud ma' dan, hemm prova oħra ta' importanza kbira, li tkompli ssaħħaħ il-każ tal-Prosekuzzjoni - il-*video* meħud mill-istess imputat, li juri l-vittma marbuta u lilu jabbuża minnha.

Din il-Qorti sejra ssib ħtija fl-imputat fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni.

**<u>It-Tieni Imputazzjoni – Att ta' natura sesswali mingħajr kunsens – Art. 207 Kap. 9</u>**

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li tikkonċerna r-reat kontemplat fl-Artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali, ossia dak ta' att ta' natura sesswali mingħajr kunsens.

Illi l-Artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali jaqra kif ġej:

> *Kull min jinsab ħati ta' att ta' natura sesswali mingħajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat,*

*imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa seba' snin:*

*Iżda fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tiżdied bi grad.*

L-Artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jispeċifika, li l-att materjali m'għandux jikkostittwixxi wieħed mid-delitti kkunsmat jew attentat imsemmija fl-Artikoli 198-206 tal-Kodiċi Kriminali, u għaldaqstant, jekk att fih innifsu ma jikkostitwix wieħed mid-delitti msemmija fl-Artikoli 198-206 tal-Kodiċi Kriminali, dak l-att jista' jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 207, jekk jiġi kkunsidrat bħala 'att ta' natura sesswali'.

Stante li dan l-inċident in kwistjoni jirraffigura ruħu f'reat ai termini tal-Artikolu 198(1) tal-Kap 9 tal-Liġjiet ta' Malta, din il-Qorti mhux ser issib ħtija fl-imputat fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

**<u>It-Tielet Imputazzjoni: Artiklu 86 tal-Kodiċi Kriminali</u>**

Illi l-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali jgħid:

*Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn:*

*Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti l-piena ta'priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa*

Dwar dan l-Artikolu, fil-kawża **Pulizija vs YANNICK JONATHAN CHATELLE,** deċiża fit-8 ta' Novembru, 2016, din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, qalet:

*"Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li bniedem jista' jinstab hati ta' din l-akkuza una volta u principalment meta m'ghandux ordni skond l-ligi ta' awtorita' kompetenti u dan hu partikolari, li l-imputat ma kellux awtorita' skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti biex jarresta lil xi hadd.*

*Izda min-naha l-ohra jista' jinghad li dan b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lil Isabel Pantoja Ludena?*

*Din il-Qorti tara li l-elementi tal-Artikoli rilevanti ghal dan il-kaz huma tnejn - ghal dak li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jista' jsir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, t-tehid jew it-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista' jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza.*

*Izda dan mhux l-uniku tip ta' agir li jinkwadra f'dan ir-reat.*

*Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-subTitolu tat-Titolu 3 tal-Kap 9 li tahtu jaqa' dan l-artikolu - L-uzu kontra l-Ligi mill-privat tas-setghat tal-Awtorita' Pubblika - li jindika li taht dan il-Kapitolu jaqa' agir li jekk kommess minn min ghandu awtorita', ma jkunx punibbli.*

*Fi kliem l-awturi Smith & Hogan l-arrest jissusisti 'by words alone if one submits.' [vide Il-Pulizija v Albert Cassar deciza mill-Qorti talAppell Kriminali nhar is-sittax (16) ta' Novembru 1990.]*

*Il-gurista Taljan Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-Artikolu 146 li huwa bhal l-Artikolu 86 taghna (Fol 112 paragrafu 788 Vol II.) billi jghid:*

*"Il sequestrato richiede che la privazione della liberta' sia assoluta e avvenga in circostanze tali da tagliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso."*

*Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di diritto penale (Ed. 1977 pg 134) jghid:*

*"le fatti specie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta' non e' totale ne occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E' necessario per altro che la perdita' della liberta' si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."*

*Fil-fatt La Corte di Cassazzione tal-Italja b'sentenza moghtija flerbatax (14) ta' Jannar, 1961 ipprecizat :*

*"che la privazione della liberta' di movimento del soggetto passivo deve perdurare - per un apprezzabile lasso di tempo anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace".*

*Element importanti għall-eżistenza ta' dan ir-reat kif imsemmi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w għoxrin (23) ta' Jannar, 1998, fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Andrew Bonnici huwa li bniedem irid ikun ittieħed fil-post kontra l-volonta' tiegħu."*

F' **Ir-Repubblika vs Deniro Bugeja**, deċiża fil-11 ta' Marzu, 2022, intqal li:

*"Il-Qorti hija ben konxja mill-ġurisprudenza lokali li qieset li r-reat t'arrest illegali kwalifikat ma jistax jitqies integrat meta si tratta taż-żamma ta' persuna sabiex din tkun tista' tiġi stuprata. Hekk per eżempju fil-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Denis Pandolfino et deċiża mill-Qorti Kriminali nhar id-19 t'Ottubru 2006 saret referenza għas-segwenti artikolu propju waqt li kienet qed titratta każ fuq stupru. Dan l-artikolu 86 tal-Kap. 9 jipprovdi s-segwenti:*

*'L-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li jkun ħati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna : "kull min, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lillprivat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' tagħha jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata…"*

*Illi f'din l-istess sentenza qabel ma' l-Imħallef għadda sabiex jispjega il-fattispecje tal-każ għamel referenza għall-insenjament tal-Professur Sir Anthony Mamo propju fuq ir-reat in deżamina u jgħid is-segwenti.*

*"the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous : each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty : "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro."(ROBERTI – ibid, para 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested." (Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40])*

*F'din il-kawża appena msemmija meta l-Ispettur prosekutur ġiet mistoqsija in kontroeżami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbażat l-akkuża ta' sekwestru tal-persuna, l-Ispettur Louise Calleja kienet irrispondiet li 'din l-akkuża kienet bażata fuq il-fatt li lakkużati kienu jitilgħu fuq it-tfal biex jagħmlu l-atti sesswali fuq deskritti.' Dik il-Qorti fis-sentenza tagħha stqarret li:*

*'dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolent dedotta fl-Ewwel u fir-Raba' Kapi jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f' hafna kazi l-att sesswali f' certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra. Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru. Inoltre dan is-sokrien ma jirrizultax li sar fil-kaz taz-zewg akkuzati. Imma ancorche' kellu jirrizulta li l-akkuzat Denis Pandolfino f' xi hin li kellu relazzjonijiet intimi mall-minuri, jew ma xi wiehed minnhom, ghalaq u sakkar minn gewwa il-bieb intern tal-parti tad-dar li fiha kien joqghod, biex ovvjament ma jidhol hadd fuqu, dan ma jammontax ghar-reat dedott. Di fatti, kif kienu jispiccaw l-atti in kwistjoni, t-tfal dejjem thallew johorgu w jkomplu bl-attivita' normali taghhom.*

*Konsegwentement, fil-fehma ta' din il-Qorti, z-zewg kapi tal-att ta' l-akkuza li jirrigwardaw is-sekwestru tal-persuna fil-konfront taz-zewg akkuzati ma gewx pruvati."*

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Shawn Tabone,** deċiż fis-6 ta' Jannar, 2012, l-Onor. Imħallef Lawrence Quintano qal hekk:

*"L-appellant kien akkużat b'sekwestru tal-persuna ai termini talartikolu 86 fejn wieħed 'jarresta, jżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' tagħha.' Skont il-Professur Mamo: 'The words 'arrest', 'detention' and 'confinement' are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: 'Il reato preveduto nell'articolo 86 esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o commina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalment si trasporti da un luogo ad un altro.' (Roberti para 323) The illegal arrest may subsist as an offence although it is not followed by detention or confinement. Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in a place; or be detained in his own house without having been previously arrested; or may be confined in a lonely place, or may, by a fresh act of violence, be confined in a place where he is.' (Notes on Criminal Law part II pages 35 and 36). L-*

*Antolisei jikkommenta hekk dwar dan ir-reat: 'L'elemento oggettivo consiste nella privazione della liberta' personale, la quale qui va intesa in senso restrttivo, e cioe' come liberta' spaziale o liberta' di muoversi nello spazio (liberta' di locomozione). ......nel sequestro di persona la limitazione concerne tutta la zona della libera locomozione o una determinata serie o specie di movimenti. ......Risponde del reato in esame tanto chi chiude una persona in una stanza, impendendole di uscirne, quanto chi omette di restituire ad un terzo la sua liberta' di movimento, trattendeol indebitamente nel luogo cui e' rinserrato......E' necessario, peraltro, che la perdita della liberta' si protragge per un periodo di tempo di un certo rilievo......... L'elemento soggettivo consiste nella coscienza e volonta' di privare taluno della sua liberta' personale, senza averne l'autorizzazzione. Non occorre alcun fine speciale'.*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, **Il-Pulizija vs James Demanuele,** deċiża fit-2 ta'Ottubru, 2000, ġie ritenut li:

*'Biex ikun hemm ir-reat ta' arrest illegali kontemplat fl-artikolu 86 tal-Kap 9 irid jirriżulta li l-vittma ġiet imwaqqfa, miżmuma jew meħuda minn post għall-ieħor kontra l-volonta' tagħha u, s'intendi mingħajr awtorita' legittima.'*

Issa fir-rigward tal-każ in eżami, il-vittma xehdet li hija ġiet marbuta minn idejha. Ħalqha ġie mghotti, kif ukoll ma kellhiex aċċess għal *mobile* tagħha. Irriżulta wkoll li dan sar kollu kontra r-rieda tal-vittma. Mill-istess filmat eżebit, jidher li l-vittma kienet marbuta u ma setgħetx tiċċaqlaq.

Mill-assjem tal-provi, anke dawk imsemmija hawn fuq, din il-Qorti ma għandhiex dubju, li l-vittma ma kinitx libera li titlaq minn taħt idejn l-imputat.

Għaldaqstant mill-provi produċibbli, din il-Qorti hija moralment konvinta, li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova t-tielet imputazzjoni fil-konfront tal-imputat, sal-grad rikjest mil-liġi, u sejra ssib ħtija fuq din l-imputazzjoni.

**<u>Ir-Raba' imputazzjoni</u>**

Dwar ir-raba' imputazzjoni, u ċioè dik ravviżata bl-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali, issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Joseph Bajada**, fejn

il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-02 ta' Mejju, 2013, qalet is-segwenti:

*"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs James Demanuele deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:*

*"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.*

*Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :- "Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti talgudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-*

*"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

*Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."*

*Illi mill-qari ta' l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh is-6 ta' Gunju, 2015. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bhala a "course of conduct" (fittest Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza' (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Raymond Parnis" per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). L-Proskezzjoni fl-akkuza qed tirreferi biss ghall-incident wiehed u izolat u qed takkuza lill-imputat b'dak, ghalkemm l-akkuza donnha qed tirreferi ghar-reat bhala wiehed kontinwat."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, nhar is-17 ta' Frar, 2011, irriteniet is-segwenti:

*"Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta' l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst flartikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per*

*Prim' Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-harassement taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:*

*… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:*

*"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…".*

*Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha talgudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."*

Illi mill-qari tal-akkuża jirriżulta, illi l-imputat qed jiġi akkużat b'inċident wieħed, li allegatament seħħ fis-7 ta' Lulju, 2019, bejn is-02.00 hrs u 06.00hrs f'Hugo's Boutique Hotel, Triq San Ġorġ, San Ġiljan. Illi għalhekk, il-Qorti ma tistax tqis il-fatti kif stabbiliti fil-kawża, bħala a "*course of conduct*" (fit-test Ingliż), li skont ġurisprudenza ta' din il-Qorti trid tirriżulta, biex jissussistu dan ir-reat ta' ikkaġunar ta' biża' (ara f'dan is-sens l-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**" per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). Ma tressqux provi li kien hemm iktar minn inċident wieħed, nonostante li f'din l-imputazzjoni tniżżel "fl-istess data u fix-xhur ta' qabel". Għal kuntrarju rriżulta, li l-imputat u l-vittma ltaqgħu biss dakinhar tal-inċident, u ma kinux jafu lil xulxin qabel. Il-liġi titkellem dwar "imġieba", *a course of conduct*, u minn dina l-espożizzjoni legali jirriżulta, illi dan ir-reat ma jissussistix jekk dan ikun xi inċident iżolat. Għaldaqstant, l-imputat qed jiġi liberat minn din ir-raba' imputazzjoni.

**<u>Il-Ħames Imputazzjoni: Offiżi ta' Natura Ħafifa</u>**

L-imputat qed jiġi wkoll akkużat li kkaġuna ġrieħi ħfief fuq il-persuna ta' OMISSIS. Din il-Qorti rat ir-rapport ta' Dr Carina Debattista, li speċifikat il-ġrieħi li l-vittma sofriet kawża tal-aggressjoni fuq il-persuna tagħha, liema ġrieħi huma kompatibbli għal stupru. Illi għalhekk, b'referenza għal din l-imputazzjoni, m'hemmx dubju li din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata wkoll.

**<u>V</u>**

**DECIDE**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni u raba' imputazzjonijiet, wara li rat l-Artikoli 198(1), 198(3), 86, 214, 215, 221(1) u 17(b), tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti issib lill-imputat Abdulaziz Zamzam ħati ta' l-ewwel, it-tielet u l-ħames imputazzjonijiet u tikkundannah għal għaxar snin (10) ħabs.**

**Il-Qorti, wara li rat l-Art 382A tal-Kap 9, ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin għal żmien 3 snin mil-lum. Id-digriet bil-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Trażżin għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**A tenur tal-Artikolu 533(1) tal-Kodiċi Kriminali, dina l-Qorti qiegħda tordna lill-ħati, sabiex iħallas l-ispejjeż fl-ammont ta' € 543.66ċ (spejjeż imħallsa lil Dr Carina Debattista); € 443.92ċ (spejjeż imħallsa lill-Espert Joseph Mallia); € 672.78ċ (spejjeż imħallsa lill-Espert Keith Cutajar); € 1,204.76ċ (spejjeż imħallsa lill-Espert Dr. Martin Bajada); €3,603.72ċ (spejjeż imħallsa lil Dr. Marisa Cassar); € 268.85ċ, €286.74ċ u €183.49ċ (spejjeż imħallsa lil Dr Lennox Vella); u €264.30ċ (spejjeż imħallsa lil PS385 u PC844) fi żmien tliet xhur mil-lum.**

**Inoltre, sabiex tkun protetta l-identità tal-vittma, il-Qorti qed tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isimha, fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.**

**Il-Qorti, wara li rat il-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, sabiex il-ħati jitniżżel fuq ir-Reġistru ndikat fl-imsemmi Att, u għal dan il-għan, tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi kkomunikata lill-imsemmi Reġistratur.**

**Il-Qorti tordna li kwalsiasi perijodu ta' żmien li ġjà għamel l-imputat detenut fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, in konnessjoni mal-każ odjern, jiġi mnaqqas mill-perijodu ta' priġunerija ordnat minn din il-Qorti f'din is-sentenza.**

| | |
|---|---|
| Maġistrat Dr. Simone Grech | Janet Calleja – Deputat Reġistratur |